VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,394, 17 ta' Marzu, 2015
Taqsima B

A.L. 89 tal-2015

ATT DWAR IL-KARTA TAL-IDENTITÀ U DOKUMENTI TAL-IDENTITÀ OĦRAJN (KAP. 258)

Regolamenti tal-2015 dwar id-drittijiet li għandhom jitħallsu għad-Dokumenti tal-Identità

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 23 tal-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti tal-Identità oħrajn, il-Prim Ministru, flimkien mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għad-Dokumenti tal-Identità.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Drittijiet li għandhom jitħallsu.

2. (1) Id-drittijiet indikati fl-Iskeda għandhom jitħallsu lill-uffiċjal awtorizzat imsemmi mill-Prim Ministru bħala l-persuna awtorizzata biex joħroġ dokumenti tal-identità jew lil xi persuna delegata għal dan il-għan.

(2) L-uffiċjal awtorizzat jista' jirrinunzja d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-rigward ta' applikazzjoni partikulari jekk, fl-opinjoni tal-uffiċjal awtorizzat, id-dritt tal-ħlas se jikkawża problemi finanzjarji għall-applikant, billi jieħu in konsiderazzjoni l-mezzi u ċ-ċirkustanzi tal-applikant.

Revoka tar-Regolamenti tal-2012 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għad-Dokumenti tal-Identità.

3. Ir-Regolamenti tal-2012 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għad-Dokumenti tal-Identità huma b'dan revokati.

SKEDA

Servizz	Dritt €
1. Ħruġ ta' karti tal-identità li jsir għall-ewwel darba	Bla ħlas
2. Tiġdid ta' karti tal-identità skaduti (jew li jkollhom xi data li m'għadhiex titqies bħala korretta) li mhumiex dikjarati mitlufa, misruqa jew sfigurati	Bla ħlas
3. Applikazzjonijiet għal karta ġdida tal-identità biex tissostitwixxi d-dokument li huwa mitluf, misruq jew imħassar	22
4. Applikazzjonijiet għal karta ġdida tal-identità sabiex tissostitwixxi dokument li huwa sfigurat	16.50".